MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2666/2002

**Avviz Numru 2666/02 AJD**
**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Charmaine Micallef Mattocks u zewgha Christopher Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Novembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u disghin lira Maltin (Lm494.00) rappresentanti import ta' hames kambjali, wahda ta' Lm22.00 (bilanc), u erbgha ta' Lm118.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2002 sa Ottubru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 4.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sal-31 ta’ Ottubru 2002 jammontaw ghal Lm10.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi Lm6.00 tal-konsult legali, kontra l-konvenuti.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fis-16 ta’ Dicembru 2002 fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjes ta’ din l-istanza, liema spejjes ma jinkludux l-ammont ta’ Lm6.00 ghall-konsult mitluba mis-socjeta’ attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**